# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 79/2019 MH**

**Illum 4 ta’ Novembru, 2020**

**Mario Camilleri (K.I. 903050M)**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali ta’ Mario Camilleri tas-17 ta’ Mejju 2019** permezz ta’ liema ppremetta li:

“Jesponi bir-rispett:

1. Premess illi fis-sena 2009 is-socjeta Eden Leisure Group Limited ipprezentat rikors numru 269/2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra r-rikorrenti b’ liema talbet li r-rikorrent jigi

kkundannat ihallas lill-istess socjeta s-somma ta' tmien t'elef, sebgha mija u erbgha u hamsin euro u sebgha u erbghin centezmu (€8,754.47);

2. Billi r-rikorrenti ikkontesta din it-talba ta' Eden Leisure Group Ltd u ressaq numru ta' eccezzjonijiet;

3. Billi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' April 2011 ddecidiet;

   *"Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici w konsegwentement tilliberah mill-oservanza tal-gudizzju"*

4. Billi is-sentenza in prim istanza giet appellata u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] nhar it-30 ta' Novembru 2011 u konsegwentement l-atti jew rimandati u rinvijati lura lill-Qorti tal-Magistrati;

5. Billi l-kawza in prim istanza thalliet ghas-sentenza nhar l-10 ta' April 2013 izda giet finalment deciza kontra tieghu fit-28 ta' Novembru 2018 bir-rizultat li l-imghax li kellu jhallas ir-rikorrenti lis-socjeta Eden Leisure Group Limited sad-data ta' dik is-sentenza kienet teccedi s-somma kapitali mitluba mill-istess socjeta, liema somma kienet tammonta ghal tmien t'elef, disgha mija u disgha u erbghin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 8,949.23);

6. Billi din il-kontestazzjoni ma kinitx tinnecessita tul ta' zmien twil sabiex tigi deciza;

7. Billi l-esponenti kellu dritt ghall-gudizzju fi zmien ragonevoli u li kieku dak id-dritt tieghu gie rispettat huwa ma kienx ibghati l-konsegwenzi tad-dewmien ezagerat li hadet il-procedura biex tigi deciza;

8. Billi l-gudizzju fil-kawza fuq imsemmija u cioe l-process numru 269/09 fl-ismijiet Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri f'ismu propju u kif ezercitanti in-negozju bl-isem Production Event Services dam izjed minn zmien ragonevoli biex jigi deciz u minghajr ebda htija tar-rikorrenti, gew vjolati fir-rigward tieghu d-dritt fondamentali ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara li bid-dewmien fil-proceduri fuq imsemmija numru *269/09 fl-ismijiet Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri f'ismu propju u kif ezercitanti in-negozju bl-isem Production Event Services* gie vjolat fil-konfront tar-rikorrent id-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni;

2. Taghti kull rimedju li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun ghall-vjolazzjoni ta' dan id-dritt taghha inkluz kumpens ghal-vjolazzjoni soffert minnhu b' konsegwenza ta' dan id-dewmien.

B' lis-spejjez u b' l-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni."

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2019**[1] fejn ġie eċċepit –

*"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli biex jigu decizi il-proceduri numru 269/09 fl-ismijiet Eden Leisure Group Ltd vs. Mario Camilleri mill-Qorti tal-Magistrati.*

*Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi l-esponent Avukat Generali m`huwiex edott mill-fatti li jirrigwardaw il-kawza citata ghas-semplici raguni li hu ma kienx parti fiha. Ghalkemm ir-rikorrenti ma jghidiex espressament jidher li qed jitfa r-responsabilita` ta` dan l-allegat dewmien fuq il-Qorti tal-Magistrati li semmet u iddecidiet il-kawza.*

*Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

[1] Fol 8 et seq

*Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent.*
*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

*Illi jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.*

*Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli ghaliex dan id-dewmien kien gustifikat.*

*Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.*

*Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

Rat l-affidavit tar-rikorrent[2] u l-atti tal-proċeduri allegati Rik Nru 269/09 fl-ismijiet *Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri pro et noe*.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partjiet.

Rat illi l-każ ġie differit għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[2] Fol 12

**Ikkunsidrat:**

Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Kostituzzjoni") u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("Konvenzjoni") minħabba allegat dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri Rik Nru 269/09 fl-ismijiet *Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri pro et noe* deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Novembru 2018. Għal din l-allegata leżjoni huwa qed jitlob li jingħata rimedju effettiv inkluż kumpens adegwat.

Minn naħa tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali rrespinġa il-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fil-fehma tiegħu d-dritt għal smiegħ xieraq irid jigi evalwat fuq il-mertu u fil-kumplessita' tiegħu u li fil-każ odjern ma kien hemm ebda dewmien irraġjonevoli. Bla preġudizzju għal din id-difiża, l-intimat argumenta li jekk din il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u tiddeċiedi li takkordalu rimedju, dan għandu jkun biss kumpens ta' natura morali u mhux danni materjali.

Mill-atti tal-proċeduri Rik Nru 269/09 fl-ismijiet *Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri pro et noe* jirriżulta li –

i. Fit-22 ta' Lulju 2009 is-soċjeta' Eden Leisure Group Limited intavolat proċeduri kontra l-konvenut (ir-rikorrent odjern) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt li Mario Camilleri ppreżenta r-risposta tiegħu fil-15 t'Ottubru 2009 u l-każ ġie appuntat għas-smiegħ għad-19 ta' Novembru 2009;

ii. Is-soċjeta' attriċi ressqet il-provi tagħha fi tlett seduti, bejn is-26 ta' Jannar u l-14 t'April 2010;

iii. Mill-14 t'April 2010 il-kawża ġiet differita għall-10 ta' Ġunju 2010 għall-provi tal-konvenut iżda dakinhar la deher hu u lanqas l-avukat tiegħu. Il-kawża ġiet differita għall-5 t'Ottubru 2010 għall-istess skop iżda għal darb'oħra la hu u lanqas l-avukat tiegħu ma dehru. Il-kawża ġiet differita għas-26 t'Ottubru 2010

għall-provi tal-konvenut u fin-nuqqas li l-konvenut jidher il-kawża tmur għas-sentenza;

iv. Il-konvenut assistit deher waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 u ressaq il-provi. Il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Novembru 2010 għall-għeluq tal-provi tiegħu iżda f'dik is-seduta mbagħad kien deher biss id-difensur tas-soċjeta' attriċi li nforma lill-Qorti li l-konvenut tramite d-difensur tiegħu kien bi ħsiebu jippreżenta xi affidavits oħra. Il-kawża ġiet differita għall-15 ta' Diċembru 2010 għal dan l-iskop u għall-kontro-eżamijiet jekk ikun il-każ;

v. Fil-mori tad-differiment il-konvenut preżenta affidavit u dakinhar tas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2010 deher id-difensur tal-konvenut u nforma lill-Qorti li kien għad fadallu affidavit x'jippreżenta;

vi. Il-każ ġie differit għad-19 ta' Jannar 2011 iżda la dakinhar u lanqas fis-seduta ta' wara tal-15 ta' Frar 2011 ma deher il-konvenut jew id-difensur tiegħu. Fis-seduta sussegwenti tad-9 ta' Marzu 2011 dehru l-avukati tal-partijiet u l-konvenut u l-istess konvenut esebixxa affidavit ta' terza persuna u xehed huwa stess. Il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Marzu 2011 għat-trattazzjoni;

vii. Il-kawża ġiet trattata waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 u ġiet differita għat-28 t'April 2011 għas-sentenza, liema sentenza fil-fatt ingħatat dakinhar. Il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li m'għandux relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u konsegwentement illiberatu mill-osservaanza tal-ġudizzju;

viii. Minn dik is-sentenza ġie ntavolat appell mis-soċjeta' attriċi fis-7 ta' Mejju 2011, filwaqt li l-konvenut appellat ippreżenta r-risposta tiegħu nhar l-10 ta' Ġunju 2011. L-appell ġie appuntat għas-smiegħ għat-8 ta' Novembru 2011 u dakinhar deher biss id-difensur tal-appellanti. L-appellat u d-difensur tiegħu msejħa diversi drabi ma dehrux. L-appell ġie differit għas-sentenza in difett t'ostakolu għat-30 ta' Novembru 2011;

ix. Fit-30 ta' Novembru 2011 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat is-sentenza tagħha fejn laqgħet l-appell interpost mis-socjeta` appellanti filwaqt li ħassret, annullat u rrevokat id-decizjoni appellata u rrimandat u rrinvijat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kaz skont il-ligi;

x. Il-każ reġa' ġie riappuntat għas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-25 t'April 2012 iżda dakinhar deher biss id-difensur tas-soċjeta' attriċi. Peress li l-konvenut ma kienx għadu ġie notifikat, il-kawża ġiet differita għall-25 ta' Ġunju 2012. Dakinhar ma deher ħadd u l-kawża ġiet differita għall-31 t'Ottubru 2012 għan-notifika tal-konvenut bil-mozzjoni tal-appuntament. Saret ukoll komunika lid-difensuri tal-partijiet;

xi. Fil-mori tad-differiment saru tentattivi ta' notifika lill-konvenut li baqa' ma' ġiex notifikat sas-seduta tal-31 t'Ottubru 2012, liema seduta għalhekk reġgħet ġiet differita għan-notifika, anke wara l-ħin legali. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Jannar 2013 fejn dakinhar il-partijiet qablu li ma kienx hemm aktar provi xi jressqu;

xii. Il-każ ġie differit għall-10 t'April 2013 għat-trattazzjoni, kif fil-fatt sar, u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-2 ta' Lulju 2013. Dakinhar is-sentenza ma ngħatatx għax il-Qorti kellha bżonn aktar żmien għal prolazzjoni tas-sentenza. Minn dik id-data u għall-istess raġuni ngħataw sittax (16) -il differiment ieħor b'ordni tal-Qorti sakemm il-kawża ġiet deċiża fit-28 ta' Novembru 2018. Fis-sentenza l-Qorti ddeċidiet li (a) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, stante li din ġiet irtirata mill-istess konvenut fil-mori tal-proċeduri; (b) tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut, u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef, seba' mija u erba' u ħamsin Euro u seba' u erbgħin ċenteżmu (€8,754.47), bl-imgħax legali mill-20 ta' Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv; u (ċ) l-ispejjeż kollha tal-proċeduri, inklużi dawk tas-sentenza tat-28 t'April 2011 kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-30 ta' Novembru 2011 kellu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut;

xiii. Bħala fatt u għal kull buon fini jiġi osservat ukoll li wara li l-każ ġie rinvijat mill-Qorti tal-Appell, il-Qorti tal-Maġistrati kienet diversament preseduta u

sussegwentement reġgħet inbidlet għal Maġistrat ieħor wara l-irtirar bl-eta' tal-Maġistrat sedenti.

**Ikkunsidrat:**

Il-lanjanza mressqa fil-vertenza kostituzzjonali odjerna tirrigwarda l-perjodu li fih damu għaddejjin il-proċeduri ċivili Rik Nru 269/09 u jekk tali dewmien iwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (2) u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk -

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandujiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

F'sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018** din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, kemm dawk lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma ormai ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:*

*1. Kemm l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestabilixxu li bħala parti mid-dritt għal smiegħ xieraq, deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali għandhom*

*jinqatgħu* ***fi żmien raġjonevoli****. Dan sabiex il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Qrati jiġu protetti minn dewmien proċedurali eċċessiv li jista' jkun ta' preġudizzju għalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix mittiefsa.*

*Kif qalet il-QEDB fil-każ* ***Moreira de Azevedo v Portugal***[3] *-*

*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility…..";*

*Fil-każ* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali deċiż fit-22 t'April 2015***[4] *din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk -*

*"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'"*[5]*;*

*Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża*[6]*;*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien*[7]*. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li*

[3] App. Nru 11296/84 deciz fit-23 t'Ottubru 1990, para 74

[4] Rik Kost 71/10

[5] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164

[6] Kost. 10.6.1966 fil-kawża fl-ismijiet **Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et** (mhix pubblikata)

[7] Kost. 27.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Brincat vs Il-Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.160)

*jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 talKonvenzjoni, "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)]"[8]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]"[9];*

*(.....)*

*2. Fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-raġjonevolezza o meno tal-perjodu li fih ikunu nstemgħu il-proċeduri kontra l-individwu konċernat għall-fini tal-protezzjoni mogħtija fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni dwar id-dritt għal smiegħ xieraq il-kuntest tal-evalwazzjoni huwa wieħed wiesgħa. Kif qalet il-Qorti fil-każ ċitat **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** -*

[8] Ara QEDB 28.7.1999 fil-kawża fl-ismijiet A.P. vs Italja (Applik. Nru. 35265/97) § 18

[9] Ara QEDB 19.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Culjak vs Kroazja (Applik. Nru. 58115/00) § 63

*"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir lgħażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[10]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[11];"*

*3. Inoltre tali evalwazzjoni m'għandiex tiġi stabbilita in vacuum jew a bażi biss tan-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in ezami u ċ-ċirkustanzi kollha li l-Qorti tkun qed taħdem fihom fiż-żmien in kwistjoni.*

*L-awturi **Van Dijk, P.** u **van Hoof, F** fil-ktieb tagħhom, '**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** qalu hekk -*

*"After the length of the relevant period has been established, it must be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, while in other cases it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract, but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case[12]."*

*4. Fil-kors tas-snin kemm il-QEDB kif ukoll il-Qrati tagħna stabbilew diversi kriterji li tagħhom għandha tittieħed konsiderazzjoni fl-eżerċizzju msemmi.*

*Kif issottolineat din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **David Marinelli vs Avukat Ġenerali**[13] -*

*"B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smiegħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u*

[10] QEDB 25.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet Dobbertin vs Franza (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38

[11] QEDB 19.2.1991 fil-kawża fl-ismijiet Angelucci vs Italja (Applik. Nru. 12666/87) § 15

[12] Paġna 606 (4 edizzjoni)

[13] Rik Nru 5/08 deciz fit-3 ta' Lulju 2008

*mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess".*

*Fil-każ* **Joseph Manuel Galea et vs Avukat Generali**[14] *din il-Qorti diversament preseduta kompliet hekk –*

*"…..il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "***Gatt vs Avukat Ġenerali***", deċiża fit-28 ta' Frar, 2014, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ġuridiċi:*

*"12. Hu ormai ben assodat, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kienx ragjonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ b'mod partikolari l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jiġi deċiż b'mod finali l-każ. (Vide* **Frydlender v. France** *GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

*Għalhekk f'kawża bħal din m'għandux biss sempliċement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawża biex tiġi deċiża. Għandhom ukoll jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra."*

*Fil-każ* **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali**[15] *kompla jingħad hekk -*

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli".*

*Ingħad imbagħad fil-każ* **John A. Said pro et nomine vs. Avukat Ġenerali**[16]*-*

*"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk*

[14] Rik Nru 88/13 deciz 15 ta' Mejju 2015
[15] App Nru 737/00 deciz fis-27 ta' Gunju 2003
[16] Rik Nru 63/10 deciz fil-11 ta' Novembru 2011

*dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kienux".*

Insibu fid-deċizzjoni tal-Grand Chamber fl-ismijiet **Kendrion NV v. European Commission**[17]**:-**

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).*

*".... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)."*

Fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali suesposti l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern –

1. Il-proċeduri Rik Nru 269/09 ġew intavolati fit-22 ta' Lulju 2009 u ġew konklużi aktar minn disa' snin wara fit-28 ta' Novembru 2018. Naturalment il-Qorti ma tistax tħares biss lejn it-trapass taż-żmien iżda anke lejn il-fatturi l-oħra, senjatament in-natura u/jew il-komplessità tal-każ, il-komportamenet tal-partijiet fil-kawża kif ukoll il-mod kif dawk il-proċeduri ġew kondotti mill-awtorità ġudizzjarja li f'idejha kien il-każ.

2. Dwar in-natura tal-każ jirriżulta li l-mertu kien jirrigwarda talba da parti tas-soċjeta' attriċi sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €8,754.47, rappreżentanti ammont bilanċjali lilha dovut stante li huma naqsu li jirritornawlha l-Eden Area sa nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofsinhar, kif kienu obbligati li jagħmlu ai termini ta' klawsola numru wieħed (1) tal-ftehim datat 16 ta' Jannar 2006, u minflok irritornawha lura fl-20 ta' Frar 2006.

---

17 26/11/2013, C-50/12P para 96-97.

Għal dawk li huma provi l-atti ma kinux voluminużi. Tressqu b'kollox seba' xhieda inkluż il-kontro-eżamijiet. Ġew preżentati wkoll numru limitat ta' dokumenti.

Meħudin dawn l-aspetti kollha l-Qorti hija tal-fehma li kemm fattwalment u anke legalment, il-każ ma kienx wieħed partikolarment kumpless.

3. Għal dak li jirrigwarda l-komportament tal-partijiet ċertament ma jistax li kien hemm xi nuqqas da parti tas-soċjeta' attriċi li ressqet il-provi kollha tagħha fi tlett seduti konsekuttivi.

Minn naħa l-oħra, u kif diġa' rriżulta mis-sinteżi tal-provi, il-komportament tal-konvenut fil-kawża wera xi nuqqasijiet. Jirriżulta nfatti li minn tmien seduti allokati għall-provi tiegħu, il-konvenut u l-avukat ma dehrux għal erba' seduti u dan mingħajr ebda raġuni valida. Żewġ seduti ġew debitament utilizzati biex tressqu l-provi filwaqt li fit-tnejn l-oħra ma sarx xejn produttiv u l-Qorti ġiet biss infurmata li l-konvenut kien fadallu provi xi jressaq bil-mezz tal-affidavit. Jiġi rilevat li għalkemm waħedhom dawn in-nuqqasijiet ma kinux il-kawża ewlenija tad-dewmien fil-proċeduri in eżami, xorta ma għandhomx jitħallew inosservati. Dan meta wieħed iqis li effettivament il-konvenut ressaq il-provi tiegħu f'żewġ seduti biss u l-bqija tal-provi bl-affidavit tressqu fil-mori tad-differimenti. Il-Qorti tirrimarka għalhekk li ma kienx hemm lok li jinħlew tmien seduti spazjati fuq perjodu ta' disa' xhur u ċioe' mill-10 ta' Ġunju 2010 sas-16 ta' Marzu 2011 sabiex huwa jressaq dawn il-ftit provi tiegħu.

4. Għal dak li huwa l-mod kif il-proċeduri ġew kondotti mill-awtorità ġudizzjarja li f'idejha kien il-każ, jiġi nnutat li oriġinarjament, għajr għan-nuqqasijiet imsemmija tal-konvenut, il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mexa b'ritmu pjuttost tajjeb. Anke wara li l-provi ngħalqu u saret it-trattazzjoni fis-16 ta' Marzu 2011, l-każ ġie deċiż ftit aktar minn xahar wara u ċioe' fit-28 t'April 2011.

Anke l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell jistgħu jitqiesu li tmexxew b'pass tajjeb tant li r-rikors tal-appell tas-soċjeta' attriċi sar fis-7 ta' Mejju 2011, ġie appuntat għat-8 ta' Novembru 2011 u ġie deċiż tlett ġimgħat wara fit-30 ta' Novembru 2011.

Huwa proprju l-andament tal-kawża wara li l-atti reġgħu ġew rinvijati quddiem l-ewwel Qorti li jirriżulta kkontribwixxa maġġorment għad-dewmien. Għalkemm kien hemm diffikulta' fil-bidu sabiex il-konvenut ġie notifikat bil-mozzjoni ta' riappuntament, ġjaladarba saret in-notifika, ma tressqux provi ġodda, saret it-trattazzjoni u l-kawża marret għas-sentenza. Għaddew pero'

ħames snin ta' differimenti sakemm is-sentenza ngħatat u tenut kont il-fatturi suesposti - partikolarment il-fatt li dan ma kienx xi każ partikolarment kompless – dan il-perjodu huwa meqjus eċċessivament twil u rraġjonevoli fiċ-ċirkustanzi. Ir-rikorrent jiffoka l-ilment tiegħu proprju fuq dan id-dewmien fl-għoti tas-sentenza u fil-kuntest tal-prinċipji ġurisprudenzjali in materja l-Qorti ssib li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħi għal smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli.

**L-ewwel talba tar-rikorrent sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

Madankollu u magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tagħmilha ċara li dan id-dewmien m'għandux awtomatikament jixħet dell fuq l-operat tal-ġudikant involut fil-kawża.

Kif kompliet tosserva din il-Qorti fil-każ suċċitat **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali** -

*"Infatti, kif ingħad fil-każ **Iris Cassar vs Avukat Ġenerali deċiż fid-9 t'April 2014**[18] -*

*"Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **John Bugeja vs Avukat Generali** affermat inoltre illi:*

*"Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqatgħet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa l-ħtija għad-dewmien fuq l-imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża li damet. Ikun ġudizzju x'aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-imħallef partikolari ikun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diliġenti f'xogħolu. Dan għaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma' tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jaħdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawżi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilhaq imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imħallef jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-*

[18] Rik Kost 30/13

*sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewg kolonni l-oħra tal-istat, ċioe' l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli".*

*Il-Qorti ta' Strasburgu fil-każ ta'* ***Zimmermann and Steiner vs Switzerland*** *sostniet li l-istati għandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).*

*Ukoll fil-każ ta'* ***Guincho vs Portugal*** *saħqet li stat għandu l-obbligu li jforni biżżejjed riżorsi għad-disposizzjoni tas-sistema ġudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri (10 ta' Lulju 1984)."*

*Fil-każ* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali*** *suċċitat il-Qorti kompliet tgħid hekk –*

*"Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [****Union Alimentaria Sanders vs Spain*** *(7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings"36. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita' wkoll li "The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay"[19];"*

[19] Harris, O'Boyle & Warbrick, op. cit., paġ. 227

Stabbilit li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli, il-Qorti sejra wkoll tilqa' t-tieni talba tiegħu billi takkordalu rimedju li għandu jkun wieħed monetarju.

Dwar ir-rimedju, din il-Qorti kompliet tgħid hekk fil-każ suċċitat **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali -**

*"Għalkemm kull każ għandu l-fattispeċje tieghu u allura l-kumpens akkordat fil-kaz tal-lum għandu jirrifletti ċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu, il-Qorti tinnota li fost is-sentenzi li ngħataw dawn l-aħħar snin fir-rigward ta' dewmien meqjus mhux raġjonevoli hemm:*

- ***George Frendo vs Avukat Ġenerali et*** *deċiż minn din il-Qorti stess fit-**8 ta' Novembru 2017**[20] fejn ġie likwidat kumpens morali ta' €2000 għal proċeduri li damu għaddejjin 15 il-sena;*

- ***Dr Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali*** *deċiż fit-**2 ta' Lulju 2013**[21] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena;*

- ***Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Generali*** *deċiż fil-**15 ta' Mejju 2015**[22] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proceduri li kienu ghadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naha tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-kaz;*

- ***Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali*** *deċiż fit-**28 ta' Frar 2014**[23] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €3,000 għal kawża li damet għaddejja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma hadu azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom. Il-Qorti qalet hekk -*

[20] Rik Kost 108/16
[21] Rik 10/08
[22] Rik 88/13
[23] Rik 25/10

*"Din il-Qorti tirrileva li għalkemm il-kawżi damu għexieren ta' żmien, circa erbgħin (40) sena, ir-rikorrenti ppreżentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti tagħhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passivita` da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra tagħhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tiegħu. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ħadu nagħsa twila ħafna fejn jidħlu d-drittijiet konvenzjonali tagħhom għax ħallew aktar minn erbgħin (40) sena sabiex fl-aħħar jieħdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali tagħhom."*

Fl-isfond tal-każista appena ċitata l-Qorti sejra tiffissa l-kumpens li għandu jingħata r-rikorrent wara li qieset it-trapass taż-żmien li r-rikorrent kellu jdum jistenna fi stat ta' nċertezza sabiex ġie finalment deċiż il-każ in eżami 269/2009 kif ukoll il-komportament tal-konvenut fil-kawża, li kif ingħad fis-suespost, għalkemm ma kienx il-kawża ewlenija għad-dewmien tal-kawża kkontribwixxa għal ċertu ħela ta' ħin fl-andament tal-kawża li seta' ġie evitat.

Il-Qorti tirreferi għax-xhieda tar-rikorrent fl-affidavit tiegħu fil-kawża odjerna fejn qal hekk[24] -

*"Minħabba l-fatt li kien għadda ħafna żmien, l-imgħax qabeż l-ammont oriġinarjament mitlub minn Eden Leisure Group u laħaq is-somma ta' circa tmien t'elef, disgħa mija u disgħa u erbgħin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€8949.23) u dan oltre l-ispejjeż inkorsi sabiex ineħħi l-mandat ta' sekwestru u ta' qbid intavolati mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tiegħi li kelli nneħħi kemm jista' jkun malajr minħabba li kelli bżonn nagħmel operazzjonijiet mediċi barra minn Malta."*

Huwa minnu li in kwantu l-fatt li fis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2018 il-konvenut, illum rikorrent, ġie kundannat iħallas l-imgħax legali mill-20 ta' Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv oltre s-sorte, inevitabilment huwa kellu jħallas imgħaxijiet fuq perjodu itwal minħabba li l-kawża ħadet żmien irraġjonevoli biex inqatgħet. Dan il-fattur ser jittieħed in kunsiderazzjoni fl-għoti tal-kumpens.

Madankollu dan qed jingħad bla ħsara għall-fatt li fuq ammissjoni tiegħu stess ir-rikorrent safa rinfaċċjat b'Mandati Eżekuttivi maħruġa mis-soċjeta' attriċi sabiex jeffetwa l-ħlasijiet dovuti. Għalkemm huwa ma esibiex dawn il-Mandati fil-kawża, minn riċerka li għamlet il-Qorti fis-sit elettroniku ecourts.gov.mt irriżultawlha żewġ mandati eżekuttivi li nħarġu in segwitu għas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2018 u ċioe' l-Mandat ta' Sekwestru Nru 476/2019 u l-Mandat

[24] Fol 12

ta' Qbid Nru 875/19 it-tnejn li huma fl-ismijiet *Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri*. Il-Qorti tinnota li dawn ġew preżentati fis-7 ta' Marzu 2019 u 9 ta' Mejju 2019 rispettivament, li jfisser li sa circa erba' u ħames xhur wara l-għoti tas-sentenza f'Novembru 2018 ir-rikorrent kien għadu m'effetwax il-ħlas. Il-Qorti tagħmilha ċara li r-rikorrent għandu jġorr il-piż tal-inerzja tiegħu biex jottempra ruħu mas-sentenza kemm għal dawk li huma imgħaxijiet li ddekorrew wara l-għoti tas-sentenza sakemm ħallas, kif ukoll l-ispejjeż l-oħra marbuta mal-kontro-mandati msemmija.

Meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami l-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bħala rimedju għall-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Għall-istess raġunijiet, l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali sejrin jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent kif dedotta;**

**2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u takkorda s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bħala rimedju għall-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, liema somma għandu jagħmel tajjeb għaliha l-intimat;**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Deputat Reġistratur**